**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Jason Agius**
**V**

**SAVIOUR CACHIA**

**Illum,10 ta' Dicembru, 2001.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **SAVIOUR CACHIA** ta’ dsatax il-sena bin Anthony u Vincenza nee Schembri, imwieled Pieta nhar il-wiehed u tletin ta' Mejju, 1981 u joqghod 5, Flat 3, Triq il-Madonna tal-Grazzja, Bormla, detentur tal-karta tal-identita numru 271481M, gie mressaq quddiemha akkuzat;

1. talli fis-sbatax ta' Lulju, 2000 ghall-habta tas-saghtejn ta' wara nofsinhar fi Triq is-Sultana, Rahal Gdid, bil-hsieb li jikkommetti serq ta' accessorji mill-vettura bin-numru ta'

registrazzjoni EWR 699 tal-marka Peugeot ghad-dannu ta' Redent Briffa wera dan il-hsieb b'atti esterjuri u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan d-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta' tieghu, liema delitt kien ikun aggravat bil-mezz, bil-valur ta' aktar minn mitt lira maltin izda mhux aktar minn elf lira maltin u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. talli fil-hmistax u fis-sbatax ta' Lulju, 2000 u fil-gimghat ta' qabel din d-data, kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond d-disposizzjonijiet tar-raba w s-sitt taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond r-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-

Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Talli kiser il-provvedimenti tal-artikolu 9 u l-artikolu 5 tal-Kap 152 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dottor Carol Peralta fl-ghoxrin ta' Marzu, 2000 u talli kiser l-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kap 152 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dottor Abigail Lofaro fit-tnejn u ghoxrin ta' Marzu, 2000.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom il-Fiat tal-Avukat Generali datat sittax ta' Awissu, 2000 ai termini tal-artikolu 22(2) tal-Kap 101 u l-kunsens moghti ai termini tal-artikolu 370(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta moghti wkoll fis-sittax ta' Awissu, 2000 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li nhar s-sbatax ta' Lulju, 2000 ghall-habta tas-saghtejn ta' filghaxija kien hemm l-imputat idur ma vettura tal-ghamla Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni EWR 699, proprjeta ta' Redent Briffa waqt li kienet ipparkjata f'Rahal Gdid quddiem il-bieb tar-residenza tieghu.

Illi **Redent Briffa xehed** nhar l-wiehed u tletin ta' Ottubru, 2000 u stqarr li huwa gharaf lil imputat odjern bhala l-istess persuna li kienet qed tipprova tiftah il-vettura tieghu permezz ta' sett cwievet li kellu f'idejh u sussegwentement rah jilghab mal-lastiku madwar t-tieqa.

Illi mart Redent Briffa, certa **Jacqueline Briffa xehdet** f'dawn il-proceduri nhar il-wiehed u tletin ta' Ottubru, 2000 u kkonfermat l-identita tal-imputat bhala l-istess persuna li kienet qed ddur mal-vettura taghhom.

Illi l-Ispettur **Jason Agius esibixxa zewg stqarrijiet** tal-imputat li huma markati bhala dokumenti CSH 12 a fol 12 u CSH 13 a fol 14 tal-atti u minn ezami tal-istess, jirrizulta li l-imputat ammetta li jaghmel uzu mid-droga Eroina w inoltre, li fis-sbatax ta' Lulju, 2000 huwa ha d-droga Eroina.

Illi jirrizulta wkoll li huwa ried jiftah l-vettura tal-ghamla Peugoet sabiex jisraq l-istereo, jbieghu u jixtri d-droga.

Illi ma hemmx dubbju li l-istqarrijiet li rrilaxxja l-imputat huma veritieri u mehuda skond l-ligi u ghalhekk fid-dawl ta' dan kollu il-Qorti ma tistax ma tiddikjarax lil imputat hati ta' pussess ta' droga fuq ammissjoni tieghu stess u hati ta' attentat ta' serq ta' stereo fuq ammissjoni tieghu.  Jirrizulta li l-imputat ma seraqx l-istereo ghaliex gie mwaqqaf minn sid l-istess vettura u ghalhekk dan hu proprju l-kaz ta' attentat ta' serq liema serq ma giex kkonsmat minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta' tieghu.

Dwar t-tielet akkuza, u cioe dik li l-imputat kiser l-ordni ta' probation moghtija lilu permezz ta' zewg sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati datati ghoxrin ta' Marzu, 2000 u tnejn u ghoxrin ta' Marzu, 2000, il-Qorti rat z-zewg sentenzi esibiti u cioe dik moghtija mill-Magistrat Carol Peralta nhar l-ghoxrin ta' Marzu, 2000 li hija mmarkata bhala dokument CSH 6 a fol 18 tal-atti odjerni minn fejn jirrizulta li l-imputat kien inghata probation ghal perjodu ta' sentejn u dik moghtija mill-Magistrat Abigail Lofaro nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Marzu, 2000, li tinsab esibita wkoll fl-atti odjerni markata bhala

dokument CSH 7 a fol 23, minn fejn jirrizulta li nghata probation ghal perjodu ta' tlett snin.

Rat li dawn iz-zewg sentenzi gew konfermati fil-konfront tal-imputat odjern mill-Ufficjali tal-Pulizija u cioe rigward d-dokument CSH 7 mis-Supretendent Anglu Baldacchino nhar l-wiehed u tletin ta' Ottubru, 2000 kif jirrizulta a fol 36 tal-atti, u rigward d-dokument CSH 6 mill-Ispettur David Saliba nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Dicembru, 2000.

Rat li r-reati li din il-Qorti qed issib lil imputat SAVIOUR CACHIA hati taghhom gew kommessi fis-sbatax ta' Lulju, 2000 u ghalhekk ma hemmx dubbju li gew kommessi waqt l-operat tal-ordni tal-probation.

Dwar il-piena, il-Qorti semghet lil Psikjatra Doctor Joseph Spiteri jghid li l-imputat ghandu problema fil-personalita tieghu u dan ghaliex jbati minn *effective disorder* u qieghed taht kura medika. Il-Psikjatra spjiega li l-imputat kellu problema ta' tehid ta' droga u meta jkun fi stat ta' hypomania jigifieri jkollu *disinhibition* u ma jkunx jaf ezattament xi jkun qed jaghmel.

Il-Qorti ezaminat r-rapport tal-Probation Officer Carmen Nygaard minn fejn jirrizulta li l-imputat ttanta diversi drabi jsegwi programm ta' rihabilitazzjoni residenzjali izda wara certu zmien huwa dejjem telaq u fil-fatt l-itwal perjodu li dam fil-programm kien dak ta' xahar.

L-imputat beda korsijiet ta' disintossifikazzjoni kemm mal-Caritas, kemm mac-Centru Oasi, Ghawdex, kemm f'San Blas kif wkoll fl-isptar Monte Carmeli, pero dan nonostante reggha waqa fil-vizzju tad-droga. Fil-fehma ta' din l-Probation Officer, l-imputat ghandu bzonn element ta' dixxiplina fil-hajja tieghu sabiex jirnexxilu jibda u jtemm programm ta' rihabilitazzjoni sabiex forsi jirnexxilu jgheleb il-vizzju tad-droga u jindirizza ahjar il-problemi psikjatrici tieghu.

Il-Qorti rat wkoll l-fedina penali tieghu u jirrizulta minnha li mill-1996 sa Settembru, 2001 huwa diga kellu hames *convictions* fosthom diversi akkuzi fuq serq, hsara voluntarja u akkuzi kontra l-Ordinanza tat-Traffiku, meta nghata *probations* u multi, apparti sentenza wahda fejn inghata piena karcerarja.

Jidher li l-imputat qabad ritmu jew ahjar hajja ta' kriminalita u dan il-fatt jinkwieta hafna lil Qorti.

**Ghalhekk il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi, bl-isperanza li l-imputat jibda kors ta' rihabilitazzjoni, wara li tiddikjara li qed ssib lil imputat SAVIOUR CACHIA hati ta' attentat ta' serq aggravat bil-mezz u bin-natura tal-haga misruqa, ta' pussess ta' droga Eroina u talli kkommetta dawn r-reati waqt l-operat ta' ordni ta' probation, u tikkundannah komplessivament piena karcerarja ta' erbatax il-xahar.**

**Oltre dan tiddikjara li mhux qed ssibu hati ta' serq aggravat bil-valur stante li ma giex ppruvat li l-istereo jiswa aktar minn mitt lira maltin u ghalhekk minn dan l-aggravju qed tilliberah.**

**Oltre dan qed tpoggi lil imputat SAVIOUR CACHIA taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin u ghal dan l-ghan qed tinnomina bhala Probation Officer lil Carmen Nygaard li ghandha tirrelata lura lil din il-Qorti kull sitt xhur dwar l-andament tieghu.**

**Il-Probationer ghandu joqghod ghal ordnijiet kollha moghtija lilu mill-Probation Officer Carmen Nygaard.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifikata lil Probation Officer Carmen Nygaard.**

**Il-Qorti taghmel r-rakkomandazzjoni taghha lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex jghin lil imputat f'din il-problema akuta li ghandu dwar t-tehid ta' droga u ghalhekk possibilment jghinu jibda programm ta' disintossifikazzjoni.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**